# WARD

*Lin-Nutar Calċedonju Gatt*
*li tani ħodon f'Mejju li għadda.*

Oh poëma tal-ġonna!
Oh ward! Oh nwar l-Imħabba!
Oh kliem safi li tfawwar minn ġo l-qalba
ta' l-Art ħanina,
nisel tajjeb
ta' ġmiel, ta' lewn, ta' ħajja;
turija ta' ħlewwa,
għajn ta' fwieħa,
nisġa ta' safa, ta' saħħa, ta' benna,
deh kif titfi quddiemek
il-għanja ħarxa li toħroġ minn fommna!
Kif tmut il-poëżija
tagħna magħsura minn ġe' qlub imnikkta
u bħal weraq niexef
imxerrda l-hawn u l-hinn fil-kotba morda!
Oh li kont naf is-sengħa
li taħdimlek il-versi,
li żżewwaqlek in-nisġa ta' l-istrofi,
o poëma tal-ġonna!

**Dun Karm.**

Ġunju 1932.